## GHALIEX FIR-RANDAN HEMM 40 JUM?



Meta jinghadu l-granet tar-Randan, il-Hdud huma eskluz fl-40 jum ghaliex il-Hdud huma dejjem celebrazzjoni fil-Knisja Kattolika u dejjem nfakkru l-Qawmien ta' Kristu.

Fir-Randan ahna naghmlu penitenza ghal erbghin jum ghaliex Gesu' sam erbghin jum fid-dezert. Imma qatt hsibna ghaliex erbghin jum u mhux seba' jew ghaxra jew hamsin?

Immorru lura ghat-Testment il-Qadim. Noe u l-familja tieghu raw ix-xita niezla ghal erbghin jum u erbghin lejl niezla bla waqfien. Meta Mose'  rcieva l-ghaxar kmandamenti minghand Alla fuq il-muntanja Sinaidam erbghin jum. L-Izraeliti damu 40 sena jiggerrew fid-dezert. Allura ghaliex dawn l-erbghinijiet kollha? Fil-kaz ta' Noe wara erbghin jum ghebet dik li kienet dinja tad-dnub u twieldet ohra imsoffija bl-ilmijiet li ghaddew minn fuqha u kaxkru kull hajja. Fil-grajja ta' Mose twieled poplu gdid ghaliex Alla ghamel il-patt tieghu mal-gens maghzul tieghu. Fic-cirkustanzi tal-poplu li dam jiggerra erbghin sena fid-dezert, kien wara dan iz-zmien li l-Khud bdew hajja gdida fl-Art Imwieghda.

U fil-kaz ta' Gesu', x'jfissru l-erbghin jum li sam fid-dezert? It-twelid ta' Izrael gdida mehlusa mid-dnub, rikonciljata ma' Alla u mexxija mill-ligi ta' l-Ispirtu Qaddis aktar mill-ligi mmartellata fil-gebel.

Ahseb ftit fil-grajja ta' Mose u l-Izraeliti. Il-Farawn ma riedx lil l-poplu jmur fid-dezert biex iqim lil Alla Haj u Veru. Ma kienx lest li jitlef dak ix-xoghol kollu

b'irhis anzi b'xejn. Anke meta Kristu beda l-missjoni tieghu ta' helsien, kien hemm ix-xitan li ma riedx ihalli saltnatu ta' hazen tghib fix-xejn u ghalhekk kien lest li jaghmel gwerra. Zball kbir hafna huwa l-fatt li f'dawn iz-zminijiet ix-xitan huwa muri bhala simbolu tal-hazen uman bhalma forsi narawh fil-kwadri, statwi jew xbihat ohra; anzi aghar minn hekk qisu xi haga li ma tezistix. Jekk nimxu fuq dawn l-ideat kbira tkun ir-rovina taghna.

Satana jezisti tassew. Dan turihulna l-Iskrittura u t-taghlim tal-knisja. Aghraf l-ghadu tieghek u hsibijietu u itni tkun imhejji ghat-taqbida u ma titlifx.

It-tentazzjoni li kellu Gesu' fid-dezert turi t-tatici li ghandu dan "is-sinjur tad-dlamijiet." Il-hobz hu simbolu tal-hajja, barka kbira ghall-bniedem; madankollu Satana juza dawn il-hwejjeg materjali biex ibghedna mill-vera ikel tar-ruh. Il-qawwa politika hija mqeghda minn Alla biex tmexxi lill-bniedem ghall-gid komuni; pero' Satana juza din il-missjoni biex il-messaggiera tieghu jahqru lill-bnedmin ohra. Imbaghad hemm it-tentazzjoni spiritwali fejn nuzaw il-gid li pprovdilna Alla ghall-glorja u t-tifhir taghna billi nhajru lil ta' madwarna jaraw lilna u mhux lil Alla. Kollox qisu jsir bil-hila taghna u nwarrbu li hu Alla li jmexxi u jriegi kollox.



Fl-ahhar hu Gesu' li jirbah. Jurina kif ghadna nippreparaw ghall-glieda li ghandna mad-dlamijiet ta' l-infern. Is-sawm u l-penitenza jkissru l-irbit taghna ma' dak li hu materjali u jistimulu ix-xewqat taghna ghal aptit spiritwali. L-umilta' tkisser is-supperva. L-adorazzjoni taghna maghmula bl-ispirtu u bil-verita' tressaqna lejn il-Hallieq taghna u tehlisna minn kull religjon falza u taparsi taghna. Fl-ahharnet il-Kelma t'Alla li kif jiddeskriviha San Pawl hija bhala xabla li taqta' minn zewg nahat u tibqa diehla sal-mudullun ta' l-ghadam hija l-arma sigrieta li tkisser u ggib fix-xejn l-gideb ta' l-ghadu taghna, ix-xitan.

Allura dawn l-erbghin gurnata taghna? Huwa z-zmien li nuzaw dawn it-tattici mmudellata mill-Imghallem taghna Gesu' Kristu biex nkissru l-qawwit tal-hazen. Talb,Sawm, u Umilta', l-Ewkaristija u l-Kelma t'Alla. Jekk naghmlu uzu tajjeb

minnhom, id-dawl jeghleb id-dlam u niksbu il-helsien taghna. Nitwieldu mill-gdid.